***Worksheet* Ċ6.3.4**
Nesploraw ir-raġunijiet li jistgħu jġegħluna nixtru xi prodott.

**A: Ħares sew lejn dawn l-istampi, aqra dwarhom, aħseb u wieġeb billi tagħmel sinjal taħt it-tajba jew timla l-vojt**.

1. Gejtu mar għat-taħriġ tal-futbol fin-nursery tar-raħal fejn joqgħod. Wara tliet kwarti taħriġ iebes, qabdu għatx kbir. Mar fil-bar ta' ħdejn il-*ground* u xtara flixkun ilma. Xorbu kollu f'nifs wieħed. Gejtu xtara l-ilma għax:
   (a) iddejjaq jilgħab.
   (b) qabdu l-għatx.
   (c) ried jinħasel



2. Stefania għandha żewġ ilbiesi tas-sajf vera ħelwin; xtrathom bis-*sale* meta marret il-Belt m'ommha. Il-ħabiba tagħha Maryanne, xtrat libsa mill-ħanut tal-pjazza tar-raħal li u vera xerqitilha. Tal-ħanut kellu libsa oħra bħal ta' Maryanne. Stefania marret id-dar u ġennet lil ommha biex tixtrilha libsa bħal ta' Maryanne. Ommha ma riditx tixtrihielha għaliex biż-żewġ ilbiesi li xtraw bis-*sale* mill-Belt kienet moqdija. Imma Stefania tant għamlet nervi u qerdet li ommha, biex tagħlqilha ħalqha, ċediet u xtrathielha. Fil-verità Stefania riedet dik il-libsa għax:
   (a) kellha bżonnha ħafna.
   (b) riedet tmur il-*party* tal-ħabiba.
   (c) riedet tkun bħal Maryanne.



3. Is-Sinjuri Mallia jżommu biċċa karta fuq il-bank tal-kċina biex fuqha jiktbu dak kollu li jkun jonqoshom għall-ikel. Fi tmiem il-ġimgħa mbagħad, imorru s-*supermarket* bil-lista f'idejhom u jixtru dak kollu li jkollhom bżonn. Sibt minnhom is-Sinjura Mallia kienet imħabbta ħafna u allura s-Sur Mallia mar jixtri mis-*supermarket* waħdu. Waqt li kien qed ifittex il-bżonnijiet tal-lista ra r-riklam li jidher mal-ġenb. Mingħajr ma qagħad jara jekk dak il-prodott kienx fuq il-lista jew le, is-Sur Mallia qabad u xtara tnejn biex jieħu wieħed b'xejn. Is-Sur Mallia xtara dak il-prodott:




   (a) għax tħajjar mir-riklam.
   (b) għax vera kellu bżonnu.
   (c) għax iddejjaq ifittex għalxejn.

4. Semmi raġuni oħra (minbarra t-tlieta li ssemmew hawn fuq) li normalment iġġegħilna nixtru xi prodott jew ieħor:

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

5. **Għall-interess tagħna:** Ejjew nammettu li mhux dejjem nonfqu l-flus bil-għaqal. X'nistgħu nagħmlu biex il-flus nonfquhom bil-għaqal?

   Aħseb ftit dwar dawn l-ideat.

   - Meta tmur tixtri ħu l-lista tal-bżonnijiet miegħek, mhux il-flus biss.
   - Dawk il-prodotti li tuża ħafna jaqbillek tfittex *bargains* tajbin għalihom.
   - Tixtrix ħwejjeġ sempliċiment għax ikunu 'tad-ditta'; ara li vera jkollok bżonnhom.
   - Tixtri xejn biex tagħmel bħal sħabek; min jieħu ħsiebek mhux bilfors jista' jixtrilek dak li tkun tixtieq.
   - Agħmel differenza bejn dak li hu kapriċċ u dak li hu bżonn.
   - Tixtrix prodotti bl-offerta jekk m'għandekx bżonnhom; xorta m'intix qed tiffranka.